A.L. 377 tal-2011

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni tal-2011 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Ordni Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2011 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Ordni Nru. 8).

Proprjetà assenjata.

Kap. 455.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skont l-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*.


Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni għandha tigi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2011.

Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Il-sit fil-Kalkara reġistrat bħala Tenement Nru: E26317 tal-kejl ta' madwar mija u tmienja u hamsin metri kwadri (158 mk), li jmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u minn Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern ta' Malta jew irjieħ verjuri kif delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2011_184.


SITE AT
TRIQ IR-RINELLA,
L/O KALKARA.
TRIQ IR-RINELLA
KALKARA
Site Plan
Scale 1:2500
S.S. 5672
Map Ref. 57390
72357
PROPERTY No. E28317
AREA : 168 m²
GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
JOINT OFFICE DEPARTMENT
LOCALITY: KALKARA
P.D. No: 2011_184
SCALE 1:200
FILE: L 181/1998
(sgd. J. Schembri)
A&CE
DATE: 28/02/2011
(sgd. C. Camilleri)
Assistant Director Property
DATE: 28/02/2011
Scale 1:200
INTERPRETED FROM SURVEY SHEET No. 5672 AT RED No. 1 IN FILE L 181/1998.